## L-Isqof Mikiel Balaguer Camarasa li ħatar lil Ħal Balzan Parroċċa

*Kan. Joseph Grech Cremona, B.A., Lic.D*

L-Isqof Balaguer kien Spanjol. Inħatar Isqof ta' Malta mill-Papa Urbanu VII wara l-mewt tal-Isqof Malti Baldassare Cagliares, u kien ikkonsagrat f'Ruma fl-1635. Kien hu li kiseb għall-Kanonċi tal-Katidral ta' Malta l-użu tar-rukkett, il-muzzetta u l-kappamanja.

Kien hu wkoll li fil-knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt Valletta kkonsagra bħala Isqof lil Monsinjur Fabio Chigi, Inkiżitur ta' Malta, li fl-1650 sar Kardinal u fl-1655 sar Papa bl-isem ta' Alessandru VII.



Il-Kappella tal-Lunzjata fi Triq it-Tliet Knejjes

Nhar l-14 ta' Awwissu 1655 l-Isqof Balaguer iddikjara l-kappella żgħira tal-Lunzjata, li għadha teżisti sal-lum fi Triq it-Tliet Knejjes f'Ħal Balzan, bħala parroċċa u qatagħha mill-Matriċi ta' Birkirkara.

Din il-knisja ċkejkna serviet ta' parroċċa sakemm tlestiet il-Knisja Parrokkjali tal-lum li bdiet tiffunzjona fis-17 ta' Diċembru 1688.

Balaguer miet fil-5 ta' Diċembru 1664 u ndifen fil-Katidral il-qadim fl-Imdina li kien sofra ħsarat kbar fit-terremot tal-11 ta' Jannar 1693. Fl-1666 laħaq Isqof ta' Malta Spanjol ieħor, Monsinjur Luqa Bueno. ❐